Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,316, 17 ta' Diċembru, 2019

Taqsima B

A.L. 335 tal-2019

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2019 dwar *Start-up Finance*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrazpriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titlolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2019 dwar *Start-up Finance*.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2020.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap. 463.

"il-Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta mwaqqfa taħt l-Att;

"Impriża Innovattiva" tfisser impriża:

(a) li turi, permezz ta' evalwazzjoni mwettqa minn espert estern li fil-futur prevedibbli se tiżviluppa prodotti, servizzi jew proċessi li huma ġodda jew sostanzjalment imtejba meta mqabbla ma' metodi moderni fl-industrija tagħha, u li għandhom riskju ta' falliment teknoloġiku jew industrijali; jew

(b) ikollha spejjeż ta' riċerka u żvilupp li jirrappreżentaw mill-inqas għaxra fil-mija (10%) tal-ispejjeż operattivi totali tagħha f' tal-inqas waħda mit-tliet (3) snin ta' qabel l-għoti tal-għajnuna jew, fil-każ ta' intrapriża *start-up* mingħajr storja finanzjarja, fil-verifika tal-perjodu fiskali attwali tagħha, kif iċċertifikat minn awditur estern;

"Impriża *start-up*" tfisser impriża żgħira sa ħames (5) snin wara r-reġistrazzjoni tagħha u li tissodisfa l-kondizzjonijiet li hemm mniżżlin fil-Linji Gwida;

"Linji Gwida" tfisser dawk il-linji gwida li jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

"*Start-up Accelerator Programme*" huwa program bi żmien fiss li jipprovdi impriżi magħżula b'kuntatti, gwida, taħriġ u appoġġ ieħor li jispiċċa b'avveniment li permezz tiegħu l-Impriża *start-up* tkun tista' tirċievi ekwità minn investituri privati jew istituzzjonali.

Assistenza lill-impriżi żgħar taħt l-iskema ta' *Start-up Finance.*

3. Jekk il-Korporazzjoni tkun sodisfatta li l-intrapriża hija klassifikata bħala impriża żgħira kif preskritt fil-Linji Gwida, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi assistenza lil dawn l-impriżi skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida.

Assistenza għall-impriża eliġibbli.

4. Impriża għandha titqies eliġibbli għal assistenza jekk hija qiegħda jew ser tkun involuta f'waħda mill-attività kif imfisser fil-linji gwida.

Kriterji ta' eliġibbiltà.

5. Proġett jista' jitqies eliġibbli għal għajnuna jekk jissodisfa tnejn (2) mill-kriterji li ġejjin:

(a) jipproponi prodotti u/jew servizzi li għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw dħul minn swieq ġeografiċi varji;

(b) jipproponi prodotti u/jew servizzi li huma ġodda jew sostanzjalment aħjar meta mqabbla ma' prodotti diġà fis-suq;

(ċ) jużaw proċessi li huma ġodda jew sostanzjalment aħjar meta mqabbla ma' dawk li qegħdin jintużaw f'attivitajiet kurrenti.

Forma tal-għajnuna.

6. Il-Korporazzjoni għandha tipprovdi l-assistenza kif ġej:

(a) għotja ta' darba lill-parteċipanti tal-I*start-up Accelerator Programme* li jkunu rikonoxxuti mill-Korporazzjoni;

(b) assistenza li titħallas lura li tammonta sa ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-ispejjeż tal-pagi ta' persuni impjegati *full-time* mal-Impriża *start-up* u li għandha tonqos għal ħamsin fil-mija (50%) jekk l-Impriża *start-up* ilha mwaqqfa għal iżjed minn tlett (3) snin;

(ċ) assistenza li titħallas lura ekwivalenti għal ħamsin fil-mija (50%) taż-żieda fil-kapital azzjonarju investiti fl-Impriża *start-up*;

(d) assistenza li titħallas lura li tkopri sa ħamsa u sebgħin

fil-mija (75%) mill-ispejjeż meħtieġa għal makkinarju, tagħmir u assi intanġibbli sabiex jitwettaq il-proġett tal-kumpannija; u

(e) assistenza li titħallas lura li tammonta sa ħamsin fil-mija (50%) tal-finanzjar tal-proġett jew żieda fl-ekwità li tkun finanzjata minn kampanja ta' *crowd-funding.*

7. L-għajnuna provduta ma għandhiex taqbeż l-erba' mitt elf euro (€400,000) li tista' tiġi miżjuda għal tmien mitt elf euro (€800,000) jekk l-i*start-up* hija Impriża Innovattiva.

8. L-ebda għajnuna mill-Korporazzjoni ma għandha tingħata taħt dawn ir-regolamenti wara l-31 ta' Diċembru, 2022. Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal għajnuna